MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 1152/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**vs**
**Omissis**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 20 ta` Novembru, 2013 fil-konfront tal-imputat Omissis u cioe' illi:

1. Nhar it-2 Ottubru, 2013 ghal habta tas-2.30 ta` filghodu min gewwa l-Q'Bar sitwat gewwa l-Valletta Watefront, ikkommetta serq ta` television, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin u dan ghad-detriment ta` Patrick Spiteri bi ksur tal-Artikolu 261(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. Talli nhar id-19 ta` Novembru, 2013 ghal habta tat-3:00 ta` wara nofs in-nhar, fi Vjal ir-Re Dwardu fil-Furjana

ikkometta serq ta` handbag u dan ghad-detriment ta` Rose Marie Gatt bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

3. Talli fix-xhur ta` matul din is-sena flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` flus kontanti minn gewwa hanut mhux maghruf gewwa Tuck Shop ta` Mater Dei School l-Imsida u dan bi ksur tal-Artikolu 261(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

4. Talli fi xhur matur din is-sena flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` flus kontanti minn gewwa Bar fl-inhawi tal-Yacht Marina fl-Imsida u dan bi ksur tal-Artikolu 261(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul il-kors tal-ezami tieghu skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat sommarjament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 5 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat sommarjament.

Il-Qorti rat li waqt l-istadju tal-ezami tal-imputat Omissis, huwa ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputat Omissis bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba, u wara li tat zmien ragjonevoli lill-imputat Omissis sabiex jerga’ lura minnha l-istess imputat Omissis ghazel li jerga` jtenni l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena li ghandha tigi inflitta.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi l-Qorti wara li rregistrat din id-decizjoni tal-imputat Omissis li jtenni l-ammissjoni tieghu f’dawn l-atti tqis li fid-

dawl tal-ammissjoni registrata minnu b`mod inkondizzjonat u fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati u b'hekk m`ghandhiex alternattiva ghajr hlief issib lill-imputat Omissis hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni sostniet illi ma kienet xejn kuntenta bil-mod ta` kif il-minuri gab ruhu b`mod partikolari fid-dawl tal-imputazzjonijiet li bihom gie mixli. Mill-banda l-ohra l-Prosekuzzjoni osservat illi l-imputat Omissis ghad ghandu l-kondotta nadifa kif ukoll ghadu taht l-eta` u ghalhekk l-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi meta tigi biex taghti l-piena. Aktar minn hekk irrizulta li matul il-kors tal-investigazzjoni l-imputat Omissis ikkollabora bi shih mal-Pulizija nkluz meta gie biex jaghmel l-istqarrija lill-Pulizija.

Illi mill-banda l-ohra, d-difiza tenniet illi minn barra li taqbel ma` dak mistqarr mill-Prosekuzzjoni, il-kaz tal-imputat Omissis kien wiehed illi kien jimmerita ordni ta` *probation* il-ghaliex huwa fil-fatt jinkwadra fir-raguni proprja ghaliex kienet saret il-ligi tal-*probation* u cioe` li nies ta` eta` zghira li jkunu xelfu difrejhom mal-gustizzja jkunu jistghu jigu mghejuna biex jaqbdu it-triq it-tajba.

**<u>Decide -</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 261(c)(f) u 284 tal-Kodici Kriminali, fuq l-ammissjoni tieghu stess, qeghda ssib lill-imputat Omissis hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; izda peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi kollha rikjesti skont l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdha tqieghed lill-imputat Omissis taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni hija soggetta ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti illum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Omissis bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghti bid-Digriet ta' llum stess ghandu jigi trasmess minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Omissis minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------